



Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

10178/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0145(NLE)

ENFOPOL 349
CT 117
RELEX 810
JAI 892
NZ 8

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9089/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu – Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Mejju 2020, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati ma' New Zealand bil-ħsieb ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu¹.

¹ 7047/20 + ADD 1.

2. L-objettiv tal-Ftehim huwa li, f'konformità mal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)², jawtorizza l-iskambju ta' data personali bejn il-Europol u New Zealand abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż bis-saħħa tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa l-ewwel ftehim internazzjonali konkluż bejn il-Europol u pajjiż terz fuq din il-bażi legali peress li l-ftehimiet preċedenti bejn il-Europol u pajjiżi terzi kienu ġew konklużi abbażi ta' ftehim ta' kooperazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI (dik li qabel kienet id-Deċiżjoni dwar il-Europol).
3. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu u proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim³.

² ĠU L 135/53 tal-24.05.2016.

³ 9089/22 + ADD 1, 9090/22 + ADD 1.

4. Matul dawn l-aħħar sentejn ta' negozjati, mit-13 ta' Mejju 2020 sat-13 ta' Mejju 2022, il-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill ma ġiex ikkonsultat mill-Kummissjoni, minkejja l-Artikolu 218(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati li jipprevedu li n-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni ma' dak il-kumitat⁴. It-test tal-Ftehim, inizjalat mill-Kummissjoni u minn New Zealand fit-3 ta' Diċembru 2021, ġie għalhekk ippreżentat għall-ewwel darba lill-Kunsilliera ĠAI fid-19 ta' Mejju 2022, ferm wara t-tmiem tan-negozjati. Minħabba din il-preżentazzjoni tard kien meħtieġ li tiġi organizzata t-tieni laqgħa tal-Kunsilliera ĠAI fit-3 ta' Ġunju 2022 sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-ħtieġa li jiġu introdotti ċerti emendi fit-test tal-Ftehim. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ntalbet tiżgura l-osservanza tal-Artikolu 218 TFUE u, għaldaqstant, tinforma u tikkonsulta regolarment, fil-kuntest ta' negozjati futuri, lill-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill dwar l-iżvolġiment ta' dawn in-negozjati, konformement mal-obbligi tagħha skont dan l-artikolu u mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Dan jippermetti li l-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill jiġi kkonsultat u jiddeċiedi minn qabel dwar ċerti kwistjonijiet imqajma fi ftehimiet futuri, b'mod partikolari dawk marbuta mal-applikabbiltà territorjali u l-formulazzjoni adatta tal-impatt tal-Protokolli 21 u 22 fuq ir-relazzjonijiet esterni bilaterali.
5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), li ġie kkonsultat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725⁵, ippubblika l-opinjoni formali tiegħu fl-10 ta' Ġunju 2022 u din tikkonferma li l-ftehim joffri garanziji adegwati fejn tidħol il-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni⁶. Din l-opinjoni favorevoli ppermettiet lill-Kunsilliera ĠAI jikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ma' New Zealand.

⁴ 7047/20 + ADD 1.

⁵ ĠU L 295/1 tal-21.11.2018.

⁶ 10180/22.

6. It-testi tad-Deċiżjoni u tal-Ftehim, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, jinsabu fid-dokumenti 9954/22 u 9269/22 rispettivament⁷.
7. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:
- jikkonferma l-qbil dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim (9089/22 + ADD);
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim fil-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (Enerġija) tas-27 ta' Ġunju 2022;
8. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat b'dan f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-

⁷ L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794, u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/794 u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Id-Danimarka għalhekk mhix qed tiegħu sehem f'din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġie emendat biex jiġi ċċarat li huwa fil-kompetenza tal-President tal-Kunsill li jaħtar il-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.